MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI



# Familja

Sajf 2018



**Il-Ħadd 17 ta' Ġunju, Jum il-Missier.**

Rapport f'paġna 3

**Titlesta l-istrateġija ta' Komunikazzjoni Korporattiva għall-MFCS b'14 il-inizjattiva ġdida.**

Rapport f'paġna 3




**Tfassil ta' miżuri għal Baġit : Is-Segretarju Permanenti**

Rapport f'paġna 4

**Jitħabbru aktar miżuri ta' simplifikazzjoni.**

Rapport f'paġna 6



**Il-Kommemorazzjoni Dinjija u lokali għall-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm 2018.**

Rapport f'paġna 13

Ħarġa 02

# Ħajr : Qarrejja u Kontributuri




**D**in il-pubblikazzjoni setgħet tkun possibbli grazzi għal diversi kontributuri li ħadmu magħna fil-passat, kif ukoll oħrajn ġodda li qed jingħaqdu magħna. Dan bil-għan li l-impenn fl-istruttura korporattiva ta' din l-entità tkompli tissaħħaħ. Grazzi tmur ukoll lilkom il-qarrejja tal-kummenti pożittivi li bgħattulna f'dawn l-aħħar ġimgħat wara l-ewwel ħarġa ta' dan il-magazine ġdid, 'Familja'.

**Is-Sur Mark Musù**

*- Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali*

**Is-Sur Anton Cesare**

*- Direttur tas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija MFCS*

**Is-Sur Matthew Mangion**

*- Project Manager AACCD*

**Is-Sur Ronald Zaffarese**

*- Koordinatur tal-Anzjanità Attiva SVP*

**Is-Sur Vincent Tonna**

*- Senior Social Worker u Edukatur*

**Is-Sur Tony Micallef**

*- Koordinatur PR Ċentru tat-Trasfużjoni tad-Demm*

**Is-Sur Alex Gobey**

*- Koordinatur tas-Servizz tal-Kura tad-Dementia AACCD*

**Is-Sinjura Daniela Xuereb**

*- Uffiċjal fit-Taqsima Benefiċċji Mhux Kontributorji DSS*

**Is-Sinjura Remenda Grech**

*- Operations Manager, Aġenzija Appoġġ*

**Is-Sinjura Maria Mangion**

*- Service Area Leader, Domestic Violence Services, Appoġġ*

**Is-Sinjura Doris Zammit**

*- Xandara Veterana*

**Is-Sinjura Mary Grace Cassar**

*- Kriminoloġistá, Occupational Therapist*

**Is-Sinjura M'Christine Agius**

*- Impjegata fir-Residenza San Vinċez de Paule*

**Is-Sinjura Sandra Jackson**

*- Koordinattriċi għal Għawdex AACCD*

## L-Editur

'Familja' hi pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur maħruġa mit-Taqsima Corporate-Wide Media & Communications fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

'Familja' toħroġ fil-verżjoni *on-line* kif ukoll stampata, maħsuba u indirizzata, għall-impjegati fit-taqsimiet diversi ta' dan il-Ministeru, pero' bl-istess qies, għall-pubbliku ġenerali.

Jekk tixtieq tibda tikteb fil-magazine 'Familja' jew għandek talent, delizzju, kollezzjonist jew tixtieq taqsam xi ġrajja / esperjenza pozittiva mal-qarrejja tagħna u jogħġbok li tkun intervistat, iktbilna u aħna nagħmlu kuntatt miegħek.

Il-kontenut f'kull ħarġa ta' 'Familja' mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni Editorjali.

Jekk jogħġbok tibda tirċievi 'Familja' tista' tikteb fl-indirizz elettroniku; *anthony.a.bonello@gov.mt* - tista' wkoll tikteb fl-indirizz postali; *Corporate-Wide Media & Communications,* ir-Rabà Sular, *Palazzo Ferreria,* Triq L-Ordinanza, il-Belt Valletta.

Tista' tagħmel kuntatt magħna wkoll permezz tan-numru tat-telefon: 2595 3404. **Grazzi.**



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

# L-EDITORJAL



**Tonio Bonello**
*Editur 'Familja'*
*Information & Communications Executive*
*Corporate-Wide Media & Communications MFCS*

**L-Istrateġija ta' Komunikazzjoni għall-MFCS -** Kif imħabbar waqt is-seminar għad-diriġenti tal-MFCS dwar il-miżuri tal-*budget,* ftit tal-ġimgħat ilu kien konkluż id-dokument dwar strateġija ta' Komunikazzjoni Korporattiva għall-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali għas-snin li ġejjin.

Id-dokument hu mfassal madwar 14-il inizjattiva ġdida li lkoll għandhom l-għan li waqt li joffru vetrina ġusta u ħolistika ta' dak li joffri dan il-Ministeru liċ-ċittadin, fl-istess ħin jara wkoll li l-impjegat tagħna jingħata servizz aktar ħolistiku b'mod li jħoss fih, aktar dak li bl-Ingliż jissejjaħ, 'sense of belonging' fuq il-post tax-xogħol.

Fost l-oħrajn, il-miżuri jaħsbu biex, għall-ewwel darba, dan il-Ministeru jkollu fih ċentru ta' klassi ta' informazzjoni u komunikazzjoni jkopri oqsma ta' media differenti bil-għan li l-messaġġ jasal aktar ċar u għand kulħadd. Din il-pubblikazzjoni 'Familja' kienet l-ewwel pass lejn din id-direzzjoni. Meta d-dokument jiġi approvat, se nimxu lejn mezzi oħra skont l-esiġenzi taż-żmien.

Id-dokument ta' strateġija ma jitkellimx biss dwar il-proġetti proposti iżda b'mod kawt, bi studju u riċerka jwassal rendikont dwar riżorsi umani meħtieġa, spazji fiżiċi u teknoloġija. Aktar minn hekk però, dwar taħriġ ta' impjegati f'użu diversifikat ta' komunikazzjoni, f'kitba kreattiva u oqsma oħra bl-għan li s-servizz mogħti jkun tal-ogħla kwalità.

**Miżuri ta' Simplifikazzjoni -** Id-Direttorat dwar Simplifikazzjoni tal-Burokrazija dan l-aħħar kompla jniedi aktar inizjattivi ta' simplifikazzjoni fi proċess li issa ilu għaddej iż-żmien. Kien għalhekk li fil-bidu ta' April ta' din is-sena is-Sur Anton Cesare, Direttur għas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija kellu laqgħa formali mas-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Julia Farrugia dwar dan fil-Berġja ta' Kastilja l-Belt. Aktar dwar dan f'rapport sħiħ f'paġna 6.

**Jum il-Missier -** Nhar il-Ħadd 17 ta' Ġunju jkun ċelebrat Jum il-Missier. Dan wara li aktar qabel, il-Ħadd 13 ta' Mejju kien imfakkar Jum l -Omm. Kurżità interessanti hi li mhux kull pajjiż jikkommemora dawn l-okkażjonijiet fl-istess żmien. Fl-Awstralja per eżempju, Jum il-Missier ikun kull l-ewwel Ħadd ta' Settembru! Waqt li nfakkar fl-għeżież tagħna li llum m'għadhomx magħna, inwassal ukoll l-isbaħ xewqat f'din l-okkażjoni ta' Jum il-Missier.



# Ħarsa lejn il-ħidma tal-Ministeru

## Tfassil ta' miżuri għal Baġit



**Mark Musú**
*Segretarju Permanenti*
*Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali*

**I**l-ministeru tagħna tul is-snin kien magħruf b'diversi ismijiet, iżda l-mira ewlenija tiegħu dejjem kienet waħda - dik li jara li jpoġġi fil-prattika l-ġusitzzja soċjali billi jgħin u jwennes lil batut, dawk f'riskju ta' faqar u dawk l-aktar vulnerabbli fost l-anzjani, it-tfal u persuni b'diżabilità, barra li jżomm aġġornati l-benefiċċji soċjali kontributorji u m'humiex.

Fl-aħħar snin, filwaqt li dan baqa' fiċ-ċentru tal-politika soċjali tagħna, kien hemm emfażi kbira wkoll fuq il-priniċipju li x-xogħol iħallas u t-tnaqqis tad-dependenza fuq il-benefiċċji soċjali.

F'dan il-kuntest għalhekk, kull sena il-ministeru jfittex li jiżen u jgħarbel x'inhuma dawk l-oqsma u dawk il-kategoriji ta' nies li verament jkunu jeħtiegu l-għajnuna; biex b'hekk jgħaġen u jniedi inizjattivi ġodda u jipproponi titjib fil-miżuri soċjali u ta' għajnuna biex jilqa' għall-ħtiġijiet u għall-isfidi li minn żmien għall-ieħor jinbidlu jew ifeġġu.

Dan jagħmlu qabel xejn billi jkejjel il-polz tas-soċjetà billi jisma' l-weġgħat ta' dawk imġarrba li jaslu għall-attenzjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u oħrajn, u billi jara kif jagħmel biex jixpruna lil dawk li jkunu waqgħu lura minħabba cirkostanżi li ma kellhomx kontroll fuqhom.

F'dan l-aspett il-kuntatt ta' kuljum mal-pubbliku huwa wisq siewi.

Dan isir mhux biss f'laqgħat ma' rapprezentati tal-ħaddiema u tal-pensjonanti u ma' għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu fil-qasam soċjali, iżda wkoll billi tittieħed nota ta' lmenti u suġġerimenti li jitwasslu mill-pubbliku permezz tar-rapprezentanti tagħhom fil-parlament jew direttament għand id-diversi taqsimiet u entitajiet fi hdan il-ministeru.

Ferm utili wkoll huma l-istatistiċi u ċ-ċifri li joħorgu mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika jew mill-Eurostat, li ħija l-fergħa tal-Unjoni Ewropeja li b'mod regolari tkejjel u tipparaguna l-progress soċjali w ekonomiku fil-pajjiżi membri.

Ikunu utli ukoll pubblikazzjonijiet minn istituti nternazzjonali li jqabblu l-kwalità tal-ħajja ta' pajjiżi Ewropej, inkluż Malta.

Huwa abbażi ta' dan kollu li ta' kull sena jitfasslu miżuri biex jiġu ppreżentati fil-baġit tas-sena ta' wara. Niflu wkoll ir-riżultati miksuba minn miżuri mnedija fis-sena jew fis-snin ta' qabel biex naraw jekk il-frott kienx dak mixtieq, biex jekk ma jkunx naraw kif intejjbu u naddrezzaw it-termini u l-kundizzjonijiet mitluba fil-miżura relattiva.

Fuq kollox nagħmlu dan l-eżerċizzju fil-kuntest tal-politika tal-gvern, kif imfissra fil-programm elettorali, u fid-dawl ta' inizjattivi li minn zmien għall-ieħor ikunu varati.

**IKOMPLI >**

# Xejriet pożittivi u kisbiet notevoli

MINN PAĠNA 4 >



Infatti bħalissa ninsabu fl-eqqel tat-tħejjijiet tagħna biex flimkien mad-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħt il-ministeru u d-diriġenti politiċi tagħna, inħejju pakkett ta' miżuri ta' natura rikorrenti jew kapitali għal baġit li jitressaq fil-Parlament aktar tard din is-sena.

Qabel ma jitressqu biex jgħaddu mill-għarbiel tal-Ministeru għall-Finanzi, nagħmlu l-kalkolu tal-ispiża ta' dawn il-miżuri u ngħarbluhom mal-Ministru u s-Segretarji Parlamentari tagħna.

Dan biex fl-aħħarnett inpoġġuhom f'qafas ta' prijorità skont l-importanża tagħhom u skont kemm tiflaħ l-ispiża globali allokata għall-ministeru tagħna.

***"Il-ministeru jfittex li jiżen u jgħarbel x'inhuma dawk l-oqsma u dawk il-kategoriji ta' nies li verament jkunu jeħtiegu l-għajnuna."***

Bis-saħħa ta' riformi u titjib f'diversi benefiċċji kellna xejriet pożittivi u kisbiet notevoli fil-qasam tal-ħarsien soċjali, li ssarfu fi tnaqqis fil-faqar u f'titjib fl-għijxien tal-ħajja ta' familji bi dħul baxx jew medju u li ħallew impatt fuq il-livell tal-impjiegi.

Fuq kollox naqsu sew il-persuni fuq il-benefiċċji soċjali waqt li żdiedu sostanzjlament il-persuni li jaħdmu u naqas drastikament il-qgħad.

Ninsabu ħerqana li l-proposti li qed inressqu għas-sena d-dieħla se jkomplu jixprunaw ir-ritmu pożittiv li qbadna fil-qasam soċjali.





# Miżuri ta' Simplifikazzjoni



*L-Onorevoli Julia Farrugia Portelli mas-sinjuri Anton Cesare u Roderick Zerafa fil-Berġa ta' Kastilja, l-Belt.*



**Anton Cesare**
*Direttur Simplifikazzjoni tal-Burokrazija*

Fost l-impenji ta' dan il-Ministeru hemm dak li titnaqqas il-burokrazija. Kien b'dan il-għan li fl-2015 twaqqaf id-Direttorat għas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija biex idaħħal miżuri ta' simplifikazzjoni. Minn dakinhar 'il hawn ġew introdotti bosta miżuri, interni u esterni bl-għan li jnaqqsu l-iskariġġ żejjed tal-pubbliku u jagħmlu l-ħajja tan-nies aktar faċli.

Din is-sena wkoll hemm numru ta' inizjattivi ta' simplifikazzjoni li diġà bdew jitwettqu filwaqt li oħrajn se jiġu varati fix-xhur li ġejjien. Miżura sinifikattiva introdotta f'Marzu li għadda kienet it-tneħħija li persuna tissottometti l-oriġinal taċ-ċertifikat mediku, li ħafna jafuh bħala ċ-ċertifikat blu tal-mard, lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali f'każijiet fejn il-perjodu ta' inkapaċità huwa ta' tlett ijiem jew anqas.

Ċertifikazzjoni ta' tlett ijiem jew anqas ma jikkostittwixix talba għall-benefiċċju tal-mard. Madanakollu, din il-miżura bl-ebda mod m'għandha tinftiehem li persuna ma tagħmilx aktar ċertifikati mediċi f'każi fejn il-perjodu tal-mard hu ta' inqas minn erbat'ijiem. Iċ-ċertifikat għandu jibqa' jsir sakemm min iħaddem jesiġi jew jitlob dan. Però jibqa l-fatt li d-Dipartiment m'għandux bżonn l-oriġinal taċ-ċertifikat.

Huwa ttamat li permezz ta' din il-miżura d-dipartiment jista' jiffraka sa 30,000 ċertifikat mediku jew aktar fis-sena milli jiddaħħlu fis-Sistema għall-Amministrazzjoni tal-Benefiċċji Soċjali (SABS). Din il-miżura se tnaqqas ukoll l-iskariġġ tal-pubbliku li jippreżenta dawn iċ-ċertifikati fl-Uffiċini Distrettwali, kif ukoll iffrankar ta' spejjeż ta' pustaġġ għal min jibgħathom bil-posta.

Miżura interna oħra varata f'Marzu kienet l-introduzzjoni ta' sistema li tirrikonċilja b'mod awtomatiku l-ġbir ta' ħlasijiet żejda ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali. L-għan ta' din il-miżura huwa li jitħaffef il-proċess tar-rikonċiljazzjoni fejn kollox jiġi ġġenerat mis-SABS. Kemm l-Uffiċini Distrettwali kif ukoll it-Taqsima ta' Ħlasijiet Żejda se jiffrakaw il-ħin li joqogħdu jqabblu b'mod manwali filwaqt li s-Sezzjoni tal-Finanzi se jkollhom stampa aktar ċara u fattwali tal-ġbir tal-ħlasijiet żejda ta' benefiċċji.

Sadanittant għaddej ix-xogħol dwar l-introduzzjoni tal-POYC Web Service fejn il-Unit għall-Ispiżjar tal-Għażla Tiegħek se jingħata aċċess dirett u fil-pront għas-sistema tal-Karta Roża li għandu d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Dan bil-għan li l-POYC ikollhom l-informazzjoni kollha meħtieġa f'waqtha u b'hekk is-servizzi jingħataw b'mod aħjar u iktar effettiv. Huwa mistenni li fiż-żmien li ġej ikun hemm aktar koordinament aħjar bejn iż-żewġ entitajiet u b'hekk tiżdied aktar l-effiċjenza.

Hemm numru ta' miżuri oħra ta' simplifkazzjoni li beda x-xogħol fuqhom u li beħsiebni nsemmi fil-ħarġa li jmiss. Nixtieq minn hawnhekk nirrigrazzja lil dawk kollha li jagħtu sehemhom biex jitwettqu dawn il-miżuri.

Ringrazzjament speċjali jmur lit-tim tal-MITA kif ukoll liċ-Chief Information Officer fi ħdan il-Ministeru. Inħeġġeġ lil dawk kollha li jista' għandhom idea li biha jkun jista' jitħaffef il-proċess fil-lant tax-xogħol tagħhom biex jagħmlu kuntatt miegħi fl-indirizz elettroniku; **simplification.mfss@gov.mt**



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

# AACCD - MIGRATION COMPLETE

## STA.VENERA > QORMI




**Matthew Mangion**
*Project Manager*
*Migration AACCD*

**On** the 8th of March 2018, the Nursing Management plus the Quality Assurance Team moved their offices to Level 2 at Qormi Premises.

On the 13th March 2018, a migration meeting was held and all Heads of Sections were briefed on the preparations required for the migration and the sequence the migration was to take place. The Heads of Sections also disseminated this information to all their colleagues.

The Procurement Unit at AACCD made sure that the required carton boxes were procured for all endusers to use to place all documents to be transferred to Qormi Premises.

All boxes were marked with the office number they were to be transferred to. Mr Gino Briffa's team made sure that all services are in place before the commencement of migration.



**The migration occurred as follows:**

Monday 26th March 2018 > HomeHelp

Tuesday 27th March 2018 > Registry, Archives, Procurement Section, Director and Asst Directors Offices and Support Offices to Director and Asst Director.

Wednesday 28th March 2018 > Salaries, Human Resources and the Active Aging Unit

Thursday 29th March 2018 > Accounts Offices

All IT and telephony systems were connected on the same day of migration. All telephone numbers remained the same as before.

IMU and the telephone system service provider made sure that there were no interruptions in both IT and telephony systems. This meant that there were no interruptions in all services given by AACCD.

AACCD would like to thank all staff who participated during the smooth transfer of offices. All staff made their utmost for this migration to be successful.

All clients requesting information on services given by AACCD are kindly requested to either go or phone Ċentru Servizz Anzjan, Triq Zekka, Valletta.

**Thank You**

# Il-Personalitá ta' Family Magazine



## Daniela Xuereb

*District Manager*
*Social Security*

**D**aniela għandha 44 sena, trabbiet il-Fgura u baqgħet tgħix fl-istess raħal. Attendiet l-iskola tas-Sorijiet Karmelitani tal-Birgu fl-ewwel snin ta' tfulitha u wara fl-iskola Primarja tal-Fgura. Minn hemm segwiet l-istudji tagħha fil-Liċeo Maria Reġina fil-Blata l-Bajda.

**Karattru:** Jiena persuna pjuttost paċenzjuża. Nipprova naddatta ruħi għal kull sitwazzjoni. Tista' tgħid, immur tajjeb ma' kulħadd u nħobb nara l-pożittiv f'kollox u f'kull persuna. Jien bniedma trasparenti ħafna u nħobb ngħid dak li nħoss però mingħajr ma nweġġa' lil ħadd.

Jekk ikolli xi kwistjoni fuq xi ħaġa, inħobb niċċara l-affarijiet mill-ewwel, jgħaddili malajr u ninsa qisu qatt ma kien xejn. Ħaġa li ddejjaqni ħafna hija meta xi ħadd jipprova japprofitta ruħu jew jgħaddi lili jew lil ħaddiehor biż-żmien, għalhekk jekk inkun naf li għandi raġun, nibqa' niġġieled għalih.

Jien persuna ferrieħija, storbjuza u nħobb nidħak. Kemm fuq ix-xogħol, kif ukoll fil-ħajja personali tiegħi, inħobb inkun organizzata u fl-istess ħin kreattiva. B'hekk dejjem nara x'se nivvinta.

**Familja:** Jien miżżewġa lil Claude u għandna żewġt itfal. Matthew għandu sittax-il sena u qed isegwi kors fl-IT ġewwa l-Mcast, filwaqt li Miriana għandha tnax–il sena u tattendi l-iskola St Francis ġewwa Tas-Sliema. Claude jaħdem bhala Uffiċjal tas-Sigurtà ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Jiena l-kbira fost tliet aħwa, ulied Moses Azzopardi u Carmen, xebba Lautier. Ħija Konrad jaħdem bhala Inġinier fl-IT ġewwa l-Lussemburgu u f'Jannar li għadda għamilni zija għall-ewwel darba ta' Mia. Oħti Gabriella taħdem bħala lekċerer ġewwa s-*sixth Form* ta' San Alwiġi.

Ir-rabta tal-familja tiegħi mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali tmur lura għal ħafna snin, eżattament għas-sena 1959, meta l-papà tiegħi beda jaħdem f'dan id-Dipartment u dam sa ma rtira fis-sena 2003. Il-mamà qabel iżżewġet ukoll kienet għamlet sitt snin taħdem fl-istess Dipartiment. Filfatt kien propju fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li l-ġenituri tiegħi saru jafu lil xulxin.

Meta jkolli xi laqgħa d-Dipartiment, dejjem inġedded il-memorji ta' meta kont għadni tifla. Niftakar, kull darba li konna mmorru l-Belt mal -mamà, l-aħħar waqfa dejjem kienet tkun fid-Dipartiment biex tara lil ex-kollegi tagħha u wara nirritornaw lura d-dar ma' missieri.

Il-gost tiegħi kien indoqq il-qanpiena fil-ħamsa u kwart nara lil kulħadd nieżel jiġri t-taraġ biex ifittxu jitilqu lejn id-dar.

IKOMPLI >

MINN PAĠNA 8 > Niftakar ukoll li peress li l-Karnival kien isir fil-pjazza fejn illum hemm il-Parlament, fil-Ħadd tal-Karnival, id-Dipartiment kien jiftaħ apposta biex il-ħaddiema u t-tfal tagħhom ikunu jistgħu isegwu l-isfilata minn ġot-twieqi u l-gallariji.

**Tfulija u Żgħożija:**. Fi tfuliti kont attiva fil-ġinnastika, fil-*Girl Guides*, fit-tennis u fil-kor tal-Parroċċa. Jgħidu li kont imqarba ħafna u kont nagħmel ħafna praspar. Aktar tard bdejt nattendi l-*Youth Centre* tal-Fgura u għamilt xi żmien immur għal-lezzjonijiet tal-*ballroom dancing*. Iż-żmien tat-tfulija u ż-żgħożija tiegħi kienu perjodi sbieħ ħafna u l-ħbieb li kelli dak iż-żmien għadhom l-akbar ħbieb tiegħi sal-lum il-ġurnata.

**Xogħol**: Ili naħdem fis-Servizz Pubbliku għal dawn l-aħħar 27 sena. Mill-1990 sal-2006, kont naħdem fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fis-sezzjoni tas-Suċċessjoni u t-taxxa fuq trasferimenti tal-immobbli. Imbagħad fis-sena 2006, ġejt trasferita fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, eżattament fl-Uffiċċju Distrettwali tal-Birgu.

Preżentament naħdem bhala Maniġer Distrettwali, fl-Uffiċċju ta' Ħaż-Żabbar fejn ilni mis-sena 2012.

Għalkemm bħal kull xogħol ieħor, fih id-diffikultajiet tiegħu, nista' ngħid li x-xogħol tiegħi huwa għal qalbi ħafna għax jagħtini l-opportunità li nagħmel dak li l-aktar inħobb; li niltaqa' man-nies u ngħinhom.

**Bejn xogħol u familja:** Il-ġurnata tiegħi tibda kemxejn kmieni. Inqum fil-5.30 ta' filgħodu biex apparti li nlesti l-affarijiet li jkollhom bżonn it-tfal, qabel nitlaq għax-xogħol nilħaq nagħmel xi xoghol tad-dar u nipprova nħalli kemm jista' jkun kollox f'postu.

Kif nasal mix-xogħol, kważi kuljum ikolli fejn immur bit-tfal; daqqa xi privat, xi lezzjoni taż-żfin jew xi attivitajiet oħra li jkollhom. B'xorti tajba, r-raġel jaħdem bix-xift u meta jinzerta d-dar jagħtini daqqa t'id sew fix-xogħol tad-dar speċjalment fit-tisjir.

**Tmiem il-ġimgħa?** Is-Sibt filgħodu nħallih għal qadi u x-xogħol tad-dar. Filgħaxija, jew noqogħdu d-dar naraw xi film inkella noħorgu ma' xi ħbieb tagħna li għandhom it-tfal tampar tat-tfal tagħna. Nhar ta' Ħadd, ġeneralment nqattgħuh mal-ġenituri tiegħi u m'oħti.

**Kieku tirbaħ miljun ewro?** Nagħti somma għal karità, inwarrab xi ħaġa għal futur tat-tfal u l-bqija nużahom biex ingawdi l-ħajja u għas-safar.

IKOMPLI >





V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

**MINN PAĠNA 9 >** **Passatempi:** Inħobb nisma' ħafna l-muzika tas-snin 80 u l-kanzunetti tal-kantant favorit tiegħi, Eros Ramazzotti. Fis-sajf inħobb mmur ngħum u nhobb is-safar ukoll.

S'issa kelli l-opportunità li nżur diversi pajjizi fosthom l-Amerka, l-Italja, l-Iskozja, Franza, l-Awstrija, Lourdes, l-Ungerija, Spanja, it-Tuneżija, l-Iżvizzera u l-Ingilterra però l-aktar pajjiż li għoġobni huwa l-Ġermanja.

Mort diversi postijiet ġewwa l-Ġermanja stess u kull post isbaħ minn ieħor speċjalment il-*Black Forest* u l-Bavarja. Meta nsiefer nħobb infittex postijiet fil-kampanja u qalb il-muntanji.





**Persuna li tammira:** Il-Papa Franġisku. Huwa persuna umli ħafna u nħoss li huwa vicin ħafna tan-nies batuti u fil-bżonn.

**L-isbaħ jum:** Kelli tlett ijiem sbieħ ħafna f'ħajti – l-24 ta' Ġunju tal-2000 , il-jum tat-tieġ u meta twieldu t-tfal, fit-3 t'Ottubru tal-2001 u t-3 ta' Gunju tal-2005.

**L-Ikla favorita tiegħek:** Jien inħobb ħafna l-ikel Malti speċjalment ir-ross il-forn.

**Il-ħolma ta' ħajtek:** Nixtieq li jkolli l-opportunità li nara lil uliedi jimxu 'l quddiem fil-ħajja u jirnexxilhom jaslu fejn jixtiequ.

The National Alliance for Rare Diseases Support - Malta brings together all the stakeholders including patients and their relatives, researchers, medical professionals and other organisations representing specific conditions.

Through the setting up of the Alliance, representation of patients has been magnified with more care, support and awareness increasing the benefit of the patients and their relatives. If you suffer from a rare condition or if one of your family members suffers from a rare disease you are invited to join us and be part of the National Alliance for Rare Diseases Support - Malta.

If you would like to become a member please contact us on Phone: **+356 99912373** or e-mail: **info@rarediseasesmalta.com**

If you would like to support our cause and make a donation kindly visit **www.rarediseasesmalta.com**

National Alliance for Rare Diseases Support MALTA

THE MARIGOLD FOUNDATION
BOV IN THE COMMUNITY



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

# Life & Times in Elderly Care



**Sandra Jackson**
*Social Worker & Coordinator*
*Night Shelters*
*Għajnsielem, Gozo*

**F**or those who are reading my articles for the first time I will introduce myself as Sandra, a Maltese social worker living and working with Elderly Care in the community of Gozo. I am also the coordinator of the only night shelters in Ghajnsielem Gozo.

And as for those of who have read my articles in Maltese about life with my elderly father in the past? Well…, two changes - I am writing in English (I seem to express myself better in English). But most important of all I have had to make some very drastic decisions in my life which involved my father.

That dreaded day finally arrived – the day I had to decide to fill-out AACCD's *one for all* form (one application form covering all 21 services for elderly care) for my father to enter into residential care.

It happened very suddenly. One day I found my father sliding slowly off the edge of the bed. He had gone to the bathroom and he must have soiled himself because he was trying to put on a fresh pair of underwear.

Typical dad, he didn't call out for me to help him and I noticed what was happening when I passed by his room because the door was slightly open.

I asked him if he needed help from behind the door but dad was unable to respond. He was doing everything in *slow motion*, as if he had to really think hard of what to do or say next.

He seemed incapable of speaking or motion. He was soon on the cold floor but I did not want to barge-in, in case I embarrassed him and I was uncomfortable around naked people especially if they are your own parents.

Not much of a good carer, I hear you say but it's the way we were brought up. I told dad to pull down the sheet off the bed and cover himself up because he needed my help. Again no response.

In a panic I entered his room aiming at the sheet which I roughly pulled down and threw on my father. Next I did what every carer should not do – I tried to lift him off the floor.

I was an *informal* carer and not trained to look after an elderly person. I wondered how many informal carers have met with the same predicament as me and sustained injuries because they acted on impulse?

The new Carer at Home scheme has assisted informal carers to look after their elderly in their own home while applying for a professional carer for their elderly.

**NEXT PAGE >**



**From Page 11 >** However, the carer may not be employed 24/7 to look after the elderly person and there is a substantial amount of time where informal carers have to look after their elderly without any training or guidance in elderly care.

I believe there will come a time when we will see the number of people with back injuries increased in the near future.

We do not want to solve a problem by creating another one. I soon discovered that my father was beyond my help and had to call out the ambulance service.

Dad had a mild stroke which affected the 'left side of the brain, the right side of the body will be affected, producing some or all of the following: Paralysis on the right side of the body. Speech/language problems. Slow, cautious behavioral style'.

By the way, I had to look up on the internet 'mild stroke' because the doctors did not give me much information.

My father came home for a few months after his stroke but every day I could see him deteriorating in his speech and in his movements.

He needed constant attention which I was unable to give due to the fact that I had to go to work.

That's when I had to decide for my father to enter residential care. I am in a better position now to understand the pain families have to go through when they have to let go of their elderly.

My work with elderly care in the community involves many such cases and it is no consolation for the families when trying to convince them that their mother/father will be better off in residential care where they will be looked after all hours.

The guilt that consumes you for having to make *that* decision remains with you for a very long time.

Empathy and support from all professionals involved may be the key to help loved ones whose elderly have to enter long-term residential care.

More often than not, we concentrate more on the feelings of the elderly without a thought for their families when they too need our support.

**ENDS**



# Jum id-donaturi tad-Demm





**Tony Micallef**
*Practice Nurse-Donor Liaison*
*Bank tad-Demm*
*G'Mangia*

**T**a' kull sena, fl-14 ta' Ġunju, pajjiżi minn madwar id-dinja kollha jiċċelebraw il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm.

Dan l-avveniment għandu l-għan li jirringrazzja lid-donaturi tad-demm talli jagħtu d-demm mingħajr ebda pretenzjoni ta' ħlas lura, liema rigal kull sena jsalva l-ħajjiet ta' tant miljuni ta' pazjenti minn madwar il-globu.

Apparti hekk, l-avveniment għandu wkoll l-għan li jqajjem iktar għarfien tal-bżonn li jkun hawn donazzjonijiet tad-demm b'mod kostanti u li jassigura s-sigurtà u d-disponibbiltà tad-demm f'waqtu għal dawk kollha li jiġu bżonnu.

Hawn ta' min ifakkar li t-trasfużjonijiet tad-demm jgħinu lill-pazjenti b'mard serju u terminali biex jgħixu iktar, u jtejbilhom il-kwalità ta' ħajjithom; iżda mhux biss.

It-trasfużjonijiet tad-demm jagħtu sapport lil diversi kundizzjonijiet mediċi u kirurġiċi kumplessi.

Id-demm hu essenzjali wkoll fejn jidħlu każi b'diffikultajiet relatati ma' tqala, ħlas, kura tat-trabi, kif ukoll fejn jidħlu korrimenti u disgrazzji ta' kull xorta.

Għaldaqstant, hu importanti ferm li kull Servizz tas-Saħħa jipprovdi lill-pazjenti b'aċċess għal demm ħieles mill-mard u fil-ħin opportun.

Fuq kollox dan hu dritt bażiku ta' kull pazjent kif ukoll iċ-ċavetta għas-suċċess ta' kull servizz tas-saħħa effettiv.

Imma provvista adekwata tad-demm ħielsa mill-mard u li tiġi assigurata permezz ta' donaturi regolari tad-demm fuq bażi volontarja u mingħajr ebda pretenzjoni ta' ħlas lura, kull ma jmur qed toffri lil ħafna Servizzi tat-Trasfużjoni tad-Demm sfida kbira!

## Il-kampanja din is-sena

It-tema għall-kampanja ta' din is-sena hi li twassal il-messaġġ ta' għotja demm bħala att ta' solidarjetà.

Apparti hekk, li tesprimi l-valuri fundamentali umani tal-altruiżmu, rispett, empatija, u ħniena u li jsostnu lis-Servizzi tad-Demm li jħaddnu l-prinċipju ta' donazzjonijiet minn donaturi fuq bażi volontarja u mingħajr pretenzjoni ta' ħlas lura. U appuntu għalhekk intagħżel is-slogan 'Kun hemm għal ħaddieħor. Agħti d-demm. Kattar il-ħajja.'

**IKOMPLI >**



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

# *"Kun hemm għal ħaddieħor. Agħti d-demm. Kattar il-ħajja."*

**MINN PAĠNA 13 >** Dan biex in-nies ikunu nkoraġġuti jagħtu sehemhom f'dan ir-rigward u jieħdu ħsieb xulxin, kif ukoll jiġġeneraw rabtiet soċjali u għaqda fil-komunità.

Il-kampanja għandha l-ħsieb li tesponi stejjer ta' nies li ħajjithom ġiet salvata permezz ta' trasfużjonijiet tad-demm. B'hekk donaturi tad-demm eżistenti tad-demm jibqgħu jagħtu, u dawk li huma f'saħħithom u li qatt ma taw, partikolarment iż-żgħażagħ, jersqu biex jibdew jagħtu huma wkoll.

Għalhekk, l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa, qed tipproponi li jsiru attivijatiet, laqgħat, u pubblikazzjoni ta' stejjer ta' nies li bbenefikaw mit-trasfużjonijiet tad-demm. Apparti dawn, konferenzi xjentifiċi, kif ukoll pubblikazzjonijiet ta' artikli biex tkompli tippromwovi t-tema ta' din is-sena tal-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm.

Il-pajjiż ewlieni li ser jospita l-kommemorazzjoni dinjija għall-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm 2018 ser ikun il-Greċja.

Permezz tal-*Hellenic National Blood Centre,* l-attività prinċipali ser tkun fil-Belt Kapitali Ateni nhar il-Ħamis, 14 ta' Ġunju.

F'Malta dan il-jum ser jiġi mfakkar billi prinċipalment nhar l-Erbgħa 13 ta' Ġunju ser issir ċerimonja fis-Sala tal-Granmastri fil-Palazz ta' San Anton.

Hemmhekk l-Eċċellenza Tagħha, il-President ta' Marie Lousie Coleiro Preca ser tagħti r-rikonoxximent "Ħajr għad-Donaturi tad-Demm" lil għadd ta' donaturi tad-demm li tul is-snin iddistingwew ruħhom billi taw 100 donazzjoni jew aktar fil-każ tal-irġiel, u 50 donazzjoni jew aktar fil-każ tan-nisa.

Dan il-rikonoxximent fuq livell statali apparti li għandu l-għan li jirrikonoxxi l-impenn kbir ta' dawn l-eroj ta' żmienna.

Dan għandu ukoll l-għan li jesponihom għall-pubbliku biex ikunu ta' ispirazzjoni għal min qatt ma ta demm, kif ukoll biex jagħmlu kuraġġ lid-donaturi eżistenti ħalli jkomplu jħarsu 'l quddiem u jsalvaw iktar ħajjiet.

TMIEM



**Il-Kommemorazzjoni Dinjija u lokali għall-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm 2018**



# Ħelu Manna



**Doris Zammit**
*Xandara Veterana*

**M**inn din l-edizzjoni ta' 'Familja', se nibda nwasslilkom tagħrif dwar diversi suġġetti li nsibu taħt il-kappa tax-xemx Maltija. U din ir-rubrika se ġġib l-isem ta' 'Ħelu Manna', l-isem ħlejju tal-għasel li hija magħrufa għalih art twelidna, Malta.

U x'hemm eħla mill-għasel biex nibdew din ir-rubrika? Huwa prodott li ilu magħna bosta snin, magħruf mad-dinja kollha. Ir-Rumani u l-Griegi kienu taw l-isem ta' Melita lil Malta li appuntu ġej minn dan l-isem Mel, l-għasel Malti.

M'għandix dubji li kif ilkoll nafu, sa minn żmien il-qedem l-għżejjer Maltin, kienu magħrufa għall-produzzjoni unika tal-għasel.

Fil-fatt skont l-istudjuż Longo, mal-200 sena qabel Kristu, l-Griegi u r-Rumani taw lill-gżira tagħna l-isem ta' Melite u Melita, l-gżira tal-għasel.

Illum wieħed għadu jsib positijiet prominenti bħal Wied il-Għasel u Imġiebaħ li jagħtu prova ċara tal-abbundanza tal-popolazzjoni kbira tan-naħal u għasel li jipproduċu l-gżejjer Maltin.

Din hija waħda mir-raġunijiet għaliex il-gżejjer Maltin huma magħrufa għal waħda mill-aħjar produzzjoni tal-għasel fid-dinja.

Għaldaqstant ħsibt li nwasslilkom tagħrif fuq dan is-suġġett, li fil-veru sens tal-kelma huwa mill-aktar ħelu, u li nittama li ssibuh interessanti u informattiv. Sintendi se nitkellmu wkoll fuq l-apikultura, it-trobbija tan-naħal.

Dan il-vjaġġ jibda b'sempliċi insett. In-naħla. Huwa dokumentat li n-naħla li tipproduċi l-għasel ilha tgħix f'Malta għal sekli sħaħ. Il-gżejjer Maltin minn dejjem kienu magħrufa għall-abbundanza ta' għasel tas-sagħtar. Diversi mkejjen madwar Malta fosthom il-Mellieħa illum għadhom importanti għall-ġbir tal-għasel tas-sagħtar.

Meta tkun fl-aqwa tagħha, bejn tmiem ir-rebbiegħa u l-bidu tas-sajf, ir-reġina, tista' tbid mat-tlett elef bajda kuljum, li flimkien ikunu itqal mill-piż tagħha. Ġo kaxxa tan-naħal ma jistax ikun hemm aktar minn reġina waħda. Biex tingħaraf min-naħal l-oħra, ir-reġina tiġi mmarkata b'kulur apposta.

Fost il-ġawhar ambjentali li nsibu f'pajjiżna hemm ix-xagħri, post fejn issib flora u fawna tipika Maltija. Insibu madwar 1000 speċi ta' dawn il-fjuri, fosthom s-sagħtar u s-silla. Insibu wkoll dak tal-ħarrub, u taċ-ċitru. It-tip ta' pjanti li jikbru fix-xagħri adattaw sew għall-ambjent tant li meta jasal Mejju u Ġunju, fejn fir-raba' jkun nixef kollox, ix-xagħri jkun għadu jħaddar.

Barra minn hekk fix-xagħri nsibu pjanti importanti ħafna għall-apikultura u l-produzzjoni tal-għasel.

Fil-fatt l-għasel ta' Malta huwa taħlita ta' diversi fjuri staġjonali u mhux ta' fjura partikolari, għalkemm l-akbar ammont ta' nektar u pollen, huwa l-aktar li jinfluwenza t-togħma bħal fil-każ tas-sagħtar, taċ-ċitru u tal-ħarrub.

**IKOMPLI >**




In-naħla tivvjaġġa aktar minn 5 mili 'l bogħod mill-qolla tagħha u żżur aktar minn mitejn fjura biex tiġbor biżżejjed nektar biex issir biss qatra ta' għasel.

Kolonja tan-naħal tikkonsisti minn tliet tipi ta' naħal; ir-reġina, li normalment tkun l-unika mara fil-kolonja li tista' tfaqqas, numru kbir ta' naħal nisa ħaddiema bejn 30 elf u 50 elf u numru ta' naħal irġiel.

Ir-reġina hija l-unika mara matura sesswalment fil-kolonja, in-naħal ħaddiema u l-irġiel huma kollha t-tfal tagħha. Meta jkollha għaxart ijiem ir-reġina toħroġ għall-ewwel darba mill-kaxxa tagħha, bin-naħal irġiel (id-duqqajs) minn kaxxi differenti, jiġru warajha.

Sa13-il minuta wara din tkun diġà tgħammret minn xi 7 jew aktar rġiel. Ir-reġina taf tgħix mat-tliet snin u aktar. Matul ħajjitha, tbid aktar minn nofs miljun bajda.

Kważi kważi n-naħal kollha fil-kaxxa, huma kollha nisa ħaddiema. Fl-aqwa tas-sajf meta l-attività fil-kaxxa hija waħda mgħaġġla u bla waqfien, naħla ħaddiema taf tgħix biss 6 ġimgħat. Matul ħajjitha n-naħla ħaddiema tagħmel aktar minn xogħol wieħed, skont l-età tagħha.

In-naħla ħaddiema tnaddaf, tiddefendi u anke ssewwi l-ħsarat li jkun hemm fix-xehda. Titma lil-larva, lir-reġina u anke lin-naħal irġiel. Tiġbor in-nektar, il-pollen, l-ilma u l-propolis biex tibni x-xehda. Hija ssaħħan u tkessaħ ix-xehda skont il-bżonn.

L-irġiel mill-banda l-oħra, huma l-akbar naħal fil-kaxxa, kważi tliet darbiet akbar min-naħal ħaddiema.

Dawn ma jagħtux ix-xewka. Jgħaddu ħajja ta' sinjuri, ma jaħdmux, jingħataw jieklu min-naħal ħaddiema. Huma qegħdin hemm biss biex jgħammru mal-irġejjen ġodda anke minn kaxxi differenti u jiffertilizzawhom. Imutu hekk kif jgħammru. Meta fix-xitwa ma jkunx hemm bżonnhom aktar, in-naħal l-oħra jkeċċu 'l barra lin-naħal irġiel.

Tradizzjonalment, in-naħal kien jinżamm f'kontenituri tal-fuħħar, ġarra kbira jew qolla li jkollha xi sitt toqbiet fuq, minn fejn jidħlu n-naħal. Din il-qolla ma jkollhiex qiegħ, għax tistrieħ fuq ġenbha u l-qiegħ miftuħ jgħattuh b'xi biċċa xriek jew injama.

Nistgħu ngħidu li jsiru diversi qtugħ matul is-sena. Fir-rebbiegħa n-naħal ikun fl-aqwa tiegħu, ikel abbundanti, ir-reġina tbid aktar u jkun hemm aktar ċans li l-ferħ jofroħ. Allura mbagħad f'Ġunju jibda l-qtugħ tal-għasel tar-rebbiegħa. F'Lulju jsir qtugħ ieħor u jinġabar l-għasel tas-sagħtar, filwaqt li lejn l-aħħar t'Ottubru jinqata' l-għasel tal-ħarrub.

L-għasel kien u għadu jintuża għall-ħlewwiet, għas-sustanzi u għall-fejqan b'mod speċjali f'każi ta' rjiħat u sogħla.

Ix-xemgħa kienet tintuża għall-mixegħla, għall-kisi ta' xi njam, fil-lostru, u għat-tisbiħ ta' ħajt, spag u lenez fil-ħjata tal-luna u tal-ġilda.

Ninnutaw li l-għasel pur jagħqad fl-ilma kiesaħ imma malajr jerġa' jinħall jekk jissaħħan ftit.Tabilħaqq l-għasel jibqa' tajjeb għal eluf ta' snin u huwa prodott verament imprezzabbli.





V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

# Kompetizzjoni bi Premju
# GĦAT-TFAL

Agendabookshop

*Kif intkom tfal?... Din is-sena l-belt kapitali Maltija, Valletta hija l-Belt Kulturali Ewropeja. Minħabba f'hekk, ħafna nies ġejjin minn madwar id-dinja qed jiġu jżuruna, kemm biex jaraw lil Malta, pero' wkoll biex jitpaxxew b'dak kollu li għandha x'toffri l-belt kapitali Maltija f'dik li hi storja, arti u kultura.*

*Li nixtiequ mingħandkom tfal hu dan. Iktbulna ftit suġġertimenti (mhux anqas minn tlieta) dwar kif taħsbu li l-belt kapitali Maltija u l-gżejjer ta' Malta u Għawdex jistgħu jidhru aħjar bil-għan li aktar nies jiġu japprezzaw dak li aħna bħala pajjiż noffru. L-aħjar sett ta' suġġerimenti jidhru f'din il-paġna u t-tifel jew tifla rebbieħ/a se jingħata żewġt kotba sbieħ ġentilment offruti lilna mill-ħwienet Agenda.*

*Ibagħtu r-risposti tagħkom permezz ta' e-mail; anthony.a.bonello@gov.mt jew fl-indirizz; Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali : Tonio Bonello : Corporate-Wide Media & Communications : 4th Floor : Palazzo Ferreria : Triq ir-Repubblika : Valletta sa mhux aktar tard minn it-**Tlieta 26 ta' Ġunju 2018.***




*kampanja*
**Aqra Ktieb**

# Kompetizzjoni bi Premju
# GĦALL- KBAR

*Kif intkom ħbieb?... Permezz tal-magazine, **'Familja'** qed inkomplu l-kampanja tagħna, **'Aqra Ktieb'.***

*Dan bil-għan li aħna l-ġenituri nibdew aħna stess u nħajru lill-uliedna li tal-anqas darba kull ħmistax inkunu qrajna ktieb. Hekk nerġgħu nibdew kultura ta' qari li hu l-mezz kif il-bniedem itejjeb l-għarfien tiegħu u jissaħħaħ f'aspetti ta' ħsieb u kreattività.*

*Il-kompetizzjoni tal-lum hi din. Iktbulna ftit suġġertimenti (mhux anqas minn tlieta) dwar kif taħsbu li nistgħu nħajru aktar l'uliedna jaqraw aktar kotba u jagħmlu ftit ħin anqas fuq kompjuters u mezzi oħra elettroniċi. L-aħjar suġġerimenti jidhru f'din il-paġna u l-persuna rebbieħa se tingħata żewġt kotba ġentilment offruti lilna mill-ħwienet Agenda.*

*Ibagħtu r-risposti tagħkom permezz ta' e-mail; anthony.a.bonello@gov.mt jew fl-indirizz; Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali : Tonio Bonello : Corporate-Wide Media & Communications : 4th Floor : Palazzo Ferreria : Triq ir-Repubblika : Valletta sa mhux aktar tard minn nhar it-**Tlieta 26 ta' Ġunju 2018.***

# GĦALINA T-TFAL

*Bħal ma tafu tfal, fl-ewwel magazine 'Familja' tlabnikom tiktbulna ftit suġġertimenti (mhux anqas minn tlieta) dwar kif taħsbu li l-gżejjer Maltin jistgħu jidhru aħjar bil-għan li aktar nies jiġu japprezzaw dak li aħna bħala pajjiż noffru.*

*Ir-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni kienet Tamara Buttigieg minn Ħal Kirkop li minflok 3, għaddietilna 5 proposti (kif jidhru fuq il-lemin) ta' kif nistgħu nagħmlu art twelidna aħjar. Tamara għandha 11-il sena u tattendi l-iskola San Ġużepp fil-Blata l-Bajda.*

*Prosit Tamara, int se tirċievi ittra biex tkun tistà tiġbor ir-rigal tiegħek ta' żewġt kotba, ġentilment offruti lilna mingħand Agenda Bookshop.*

*Illum f'din il-paġna ħsibt li ninkludu wkoll poeżija tassew sabiħa ta' Maria Christine Agius, impjegata fir-Residenza San Vinċenz de Paule. Din iġġib l-isem, 'Bħal Buffura'. Inħeġġu lilkom tfal u anke kbar biex taqbdu l-kitba kreattiva bħala delizzju li permezz tagħha tieħdu gost intkom u tferrħu lil ta' madwarkom.*

***Għamlu użu tajjeb mill-vaganzi tas-Sajf!...***


Ftit suġġerimenti kif insebbħu l-gżejjer Maltin:
↳ Nimlew il-bini battal u nirrestawrawdjar vojta għall-użu biex innaqqsu l-bini u jkun hemm aktar spazju għal sigar u parks.
↳ Inżommu l-ambjent nadif u x-xtajtiet nodfa.
↳ Nedukaw lit-tfal fl-iskejjel u nfakkruhom dwar l-importanza tat-turiżmu għall-gżejjer Maltin.
→ Inkunu nafu l-istorja tà pajjizna sew kif ukoll l-istorja tal-binjiet fil-Belt Valletta halli jekk xi turisti jistaqsuna dwarhom inkunu nafu nirrispondu hom.
→ Inkomplu norganizzaw aktar kampanji tà tindif u nkomplu nnaqsu l-iskart.
Tamara Buttigieg Kirkop



## Maria Christine Agius

*Impjegata fir-Residenza*
*San Vinċenz De Paule, Luqa*

# BĦAL BUFFURA

*Il- ħajja bħal xitla, bi fjuri wisq sbieħ,*
*Li tqaċċtet u taret b'buffura ta' riħ.*
*Iblah il-bniedem, li jitħasseb fis sod,*
*Iqis u jippjana, u jaħseb fil-bogħod.*

*U jinsa biex jifraħ b'li għandu f'idejh,*
*u jieqaf japprezza lil min ikun ħdejh.*
*Ifaddal u jrekken, u qatt mhu kuntent,*
*U jtajjar min moħħu kull ħsieb tal-preżent.*



*Jinsa li, bħal berqa, il-ħajja tiżgiċċa,*
*bla l-anqas biss tavża fi x'ħin se tispiċċa.*
*Għaqli l-bniedem, li jħossu kuntent,*
*igawdi l-ħajja, u jgħożż kull mument.*

*Bla ma jitlef xi bewsa ta' mħabba w'tgħannieqa,*
*u jxerred tbissima li tkeċċi kull dieqa.*
*U jsebbaħ il-ħajja, bħal fjuri fi ġnien,*
*Li jtiru b'buffura li twassal għat-tmiem.*



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

# Ħsieb tiegħek u ta' madwarek

## Il-Vulnerabbli fis-soċjetà *hemm lok għal tibdil?...*



**Mary Grace Cassar**
*Occupational Therapist*
*Gradwata fil-Kriminoloġija*

**M**inn artikli reċenti fil-media kien innotat li fil-kas ta' Malta bħala pajjiż, jeżisti nuqqas fin-nefqa relatata ma' protezzjoni finanzjarja għal persuni vulnerabbli li jinkludu anzjani u persuni b'diżabbiltà.

Huwa fatt li fil-kas tagħna u f'kuntest demografiku fejn l-anzjani qegħdin dejjem jiżdiedu, kull amministrazzjoni sabet bħala sfida li tiggarantixxi fost l-oħrajn il-pensjonijiet għas-snin li ġejjin.

Iżda kemm huwa biżżejjed li bħala pajjiż bħal inserrħu moħħna li qed nagħmlu biżżejjed, jekk niggarantixxu l-pensjoni u forsi bħal inqisu setturi oħra neċessarji b'mod marġinali?

F'riċerka li jien kont għamilt fl-2015/6, kien irriżulta li fil-kas ta' Malta, hemm lok fejn nistgħu navvanzaw aktar f'ħidma ma' ċerti entitajiet professjonisti bħal m'huma l-Pulizija.

Hemm ukoll lok fejn nassistu aktar entitajiet li jinkludu *shelters* jew *one stop shops* għal persuni vulnerabbli u li joffru servizzi relatati bħal l-psikologija u sosten fil-komunità wara li ċerti persuni jispiccaw vittma ta' reat.

Dan filwaqt li tibqa' dejjem il-ħtieġa ta' taħriġ kontinwu lil ċerti dipartimenti li jigwidaw b'mod aktar professjonali lil ħaddiema tagħhom f'setturi speċifiċi.

Dan kollu jista' jiġi nkorporat fil-frażi bħal m'hi faqar emozzjonali jew solitudni fost is-soċjeta', minn persuni vulnerabbli.

Fil-każ ta' Malta ġieli wkoll issemmiet il-ħtieġa ta' liġi li titkellem dwar il-protezzjoni ta' nies vulnerabbli u li tkopri partikolarment, anzjani u persuni b'diżabbiltà.

Dan meta sa żmienijiet reċenti kienu ntrodotti liġijiet li jipproteġu b'mod partikolari l-vulnerabbilità ta' minorenni, iżda għalkemm saru tentattivi u riċerka dwar is-settur tal-anzjani u persuni b'diżabbiltà, dan għadu ma ġiex rifless fil-liġi Maltija.

F'dan il-kuntest irridu nirrimarkaw li diversi fatturi fis-sistema legali tagħna jikkontribwixxu għal dewmien biex każ quddiem il-Qrati jwassal għal sentenza finali. Dan huwa eżempju kif ċirkostanzi jwasslu għal anzjeta żejda fost anzjani bħala persuni vulnerabbli.

B'hekk vittma ta' reat f'eta avvanzata li faċilment tkun bi problemi fiżiċi, tispicca bħal mitlufa f'ċirkostanzi u differimenti varji meta bosta minnhom ma jkunux intiżi mal-proċedimenti ġudizzjarji.

Faċilment jeżistu ċirkostanzi li l-istess anzjan li jispiċċa għal darba oħra vittma, meta wara xhur ta' proċeduri jirrealizza li mhux possibli jikkonkludi episodji negattivi mill-ħajja tiegħu għax is-soċjetà jew is-sistema bħal mhix tifhem il-limitazzjonijiet tiegħu.

IKOMPLI >




MINN PAĠNA 19

Hawn irridu nsemmu li f'dewmien ta' proċeduri ġudizzjarji l-vittma faċilment tesperjenza biża' minn xi kompliċi fir-reat jew biża' minn terzi għal xi eventwalitajiet oħra ta reat.

B'hekk f'sitwazjoni ta' faqar wara l-esperjenza negattiva, l-faqar ma jkunx biss wieħed finanzjarju wara li jkun tilef xi dħul tal-pensjoni, iżda wkoll faqar soċjali meta l-vittma, partikolarment fil-każ tal-anzjani, jispiċċaw biex bħal jibżgħu joħorġu minn djarhom filwaqt li xorta jkunu f'biża f'darhom stess.

Filwaqt li l-pajjiż jista' jkun b'ċertu ħeffa għaddej jaddotta direttivi internazzjonali, iżda li fl-istess ħin aħna nkunu qed inkaxkru daqsxejn saqajna biex nimplimentaw ċerti direttivi b'mod li dawn jiġu riflessi fis-sistemi amministrattivi tagħna.

Jidher li fil-każ ta' Malta b'mod ġenerali, il-vittmi ma jkunux familjari mad-drittijiet li japplikaw għalihom f'kuntest legali Ewropew. B'hekk, f'ċirkostanzi burokratiċi mill-istadji tal-investigazzjoni tar-reat sal-mument tas-sentenza finali, il-vittma faċilment iqis lilu nnifsu wżat jekk mhux abbużat mis-sistema li suppost tipproteġi liċ-ċittadin.

Dan meta l-liġi tagħti poter *ex-ufficio* li tipproċedi u b'hekk f'ċirkostanzi li jduru madwar il-vittma, l-istess vittma ma jkolliex poter li twaqqaf il-proċeduri.

Nifhem li sabiex is-soċjetà tiffunzjona, hemm bżonn ta' liġijiet u li l-istess soċjetà tesiġi infrastruttura li tagħti saħħa lill-istess liġijiet tagħha.

Forsi iżda mal-mixja taż-żmien tagħna, fost implimentazzjonijiet varji, ftit nagħtu l-importanza dovuta lil ċerti ċirkostanzi li b'mod ġenerali jistgħu jidhru sekondarji, bħal ħtieġa li l-proċedimenti jkunu *victim friendly*.

Il-Malti jgħid li l-kelb il-mismut, kull ilma jaħsbu misħun. B'hekk f'ċirkostanzi relatati, il-vittma ta' reat jew abbuż faċilment bħal tissusspetta abbuż sekondarju u huwa fl-obligu tas-soċjetà li dan ma jsirx.

Huwa fl-obbligu tagħna bħala membri tas-soċjetà li nirrevedu l-proċeduri tagħna u li nagħmlu l-implimentazzjonijiet neċessarji.

B'hekk, jekk fil-każ tagħna huwa l-każ li l-vulnerabbilita' tal-anzjani u persuni b'diżabbilta jistgħu jkunu protetti aħjar fil-qafas legali tagħna, rridu niggarantixxu dan fis-snin li ġejjin.

Huwa fl-obbligu tagħna wkoll li nevalwaw il-ħidma tal-entitajiet tagħna, inkluż dawk magħrufa bħala NGO's u jekk hemm problema biex ċerti servizzi jaslu għand l-anzjan li f'biża ingħalaq f'daru, ma nibqgħux bħal nistennew li dan jiġi għand l-entità hu jew hi, iżda tkun l-entita li tagħmel kuntatt miegħu, jew magħha rispettivament!

**TMIEM**




Id-Direzzjoni ta' 'Familja' tawgura s-Sajf it-tajjeb lil kulħadd.



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018